# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Preliminari Nru 2604

Kaz Numru 3715/JG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Doreen Saliba (ID 695958M)

u

Foster Clark Products Ltd (C803)

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 21 ta' Gunju, 2019

**<u>Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT</u>**

## 1 Introduzzjoni

Dan il-kaz gie pprezentat permezz ta' Rikors imressaq minn Doreen Saliba (Karta ta' l-Identita' 695958M) fit-22 ta' Jannar, 2019 fejn allegat li kienet kostretta tirrezenja minhabba azzjonijiet tas-socjeta intimata u b'hekk ingusti, li jikkostitwixxu *constructive dismissal*.

Minn naha l-ohra, s-Socjeta' Foster Clark Products Limited (Company number C803) permezz ta' Rikors bid-data 22 ta'Frar, 2019, irribattit l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Doreen Saliba permezz ta' zewg eccezzjonijiet, igifieri;

1 li t-Tribunal Industrijali huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni tal-kaz permess illi hemm ftehim pattwit u konkluz bejn l-ex Avukat ta' l-appellanti (fl-isem l-appellanti) u l-kumpanija appellata li jorbot il-partijiet u ghalhekk l-appellanti ma setghatx tiftah l-kaz quddiem dan it-Tribunal,

2 li t-Tribunal Industrijali huwa prekluz milli jkompli jisma dan il-kaz ghaliex ghaddew l-erba xhur kontemplati fl-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal ried jiddeciedi jekk minn dak pprezentat quddiemu kienx hemm jew ma kienx hemm bizzejjed evidenza li turi li effettivament kien hemm ftehim bejn ir-rikorrenti Doreen Saliba u l-kumpanija ntimata Foster Clark Products Limited li jwaqqaf kull skop li dan il-kaz jinstema' mit-Tribunal Industrijali.

It Tribunal ried jiddeciedi wkoll jekk id-data tat-temm mill-impjieg kinitx id-data tat-23 ta' Awwissu, 2018 li allura r-rikors li gie pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2019 jaghmel dan il-kaz preskritt jew inkella kienx hemm raguni jew ragunijiet validi li jistabbilixxu data differenti ghat-tmiem tal-impjieg u li allura taghmel id-data tar-rikors igifieri dik tat 22 ta' Jannar, 2019 valida ghal fini tal-Ligi.

## 2 Fatti tal-Kaz

L-ewwel eccezzjoni

*1 li t-Tribunal Industrijali huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni tal-kaz permess ili hemm ftehim pattwit u konkluz bejn l-ex Avukat tal-appellanti (f'isem l-appellanti) u l-kumpanija appellata li jorbot il-*

*partijiet u ghalhekk l-appellati ma setghatx tiftah l-kaz quddiem dan it-Tribunal,*

Il-kumpanija ntimata spjegat kif is-Sur Kenny Muscat rapprezentant tal-General Workers Union kien qed jidher ghan-nom tar-rikorrenti Doreen Saliba fin-negozjati mal-kumpanija ntimata dwar kumpens mill-kumpanija ntimata lir-rikorrenti dwar it-temm ta' l-impjieg tal-istess rikorrenti.

Gie stabbilit li kien hemm sensiela ta' komunikazzjoni bejn rapprezentanti tal-kumpanija ntimata u s-sur Kenny Muscat fejn anki l-Avukat fl-ufficcju legali tal-General Workers Union Dr Anthea Witney Turner kienet baghtet korrispondenza dwar il-kaz lill-kumpanija.

Kien spjegat illi din il-komunikazzjoni wasslet biex rapprezentanti tal-kumpanija u s-sur Kenny Muscat qablu fuq kumpens u li anki qablu fuq il-figura li kellha tithallas lir-rikorrenti Doreen Saliba.  In fatti l-Avukata Anthea Witney Turner fl-ittra taghha datata 14 ta' Dicembru, 2018 informat lill-kumpanija ntimata li l-membru tal- General Workers Union jigifieri Doreen Saliba accettat il-figura miftehma bejn il-kumpanija u r-rapprezentant tal-General Workers Union igifieri s-Sur Kenny Muscat.

Hawn giet esebita l-ittra li Dr Anthea Witney Turner baghtet lil Dr Matthew Brincat fl-14 ta' Dicembru, 2018 fejn infurmatu li Doreen Saliba accettat il-figura ta' tnax –il elf ewro (€12,000).  L-ittra giet esebita wara li Dr Matthew Brincat f'isem il-kumpanija ntimata talab il-kunsens tar-rikorrenti Doreen Saliba, biex jirrilaxxja l-ittra. Doreen Saliba tat il-kunsens taghha ghal dan.

Kien stabbilit ukoll li b'konsegwenza ta' dan, il-kumpanija ntimata kienet anki lestiet cekk pagabbli lil Doreen Saliba datat 19 ta'Dicembru, 2018 u li ghaldaqstant s-Sur Kenny Muscat kien talab lil Doreen Saliba biex tinzel l-ufficcju biex tigbor ic-cekk.

Doreen Saliba xehdet li s-Sur Kenny Muscat kien cemplilha fis-17 ta' Dicembru u nfurmaha bil-figura u talabha tinzel l-ufficcju biex tigbor ic-cekk. Hawn, Doreen Saliba rrifjutat il-figura tal-kumpens. Minhabba li l-Avukata Anthea Witney Turner kienet imsiefra u Doreen Saliba ma setghatx tikkonsulta maghha dwar dan l-izvilupp, ir-rikorrenti qabdet is-servizzi ta' Avukat iehor igifieri Dr Malcolm Mifsud. F'dan ir-rigward ir-rapprezentanti tal-General Workers Union igifieri s-Sur Kenny Muscat u l-Avukata Anthea Witney Turner rtiraw mill-kaz.

Kien stabbilit li r-rikorrenti qatt ma' tat mandat taghha biex ir-rapprezentant tal-General Workers Union igifieri s-Sur Kenny Muscat u jew l-Avukata Anthea Witney Turner jinnegozjaw u jaslu fi ftehim f'isem ir-rikorrenti Doreen Saliba. Gie ukoll stabbilit li l-ittra mibghuta mill-Avukata Anthea Witney Turner lill-kumpanija bid-data tal-14 ta' Dicembru ma' kinetx ikkuppjata lir-rikorrenti Doreen Saliba.

## 3 Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti Doreen Saliba kienet ilha tahdem mal-kumpanija ntimata minn Mejju tal-2014.

Ir-Rikorrenti Doreen Saliba baghtet ir-rizenja taghha fit-23 ta' Awwissu, 2018 fejn hi ddeskriviet ir-rizenja taghha bhala sfurzata *constructive dismissal*.

It-Tribunal innota li kien hemm diskussjonijiet bejn ir-rikorrenti u l-kumpanija biex jitrangaw l-affarijiet. Jidher, izda, li d-differenzi fl-opinjoni bejn Doreen Saliba u l-kumpanija ma rrizolvewx ruhhom u dan wassal lil Doreen Saliba biex tirrikorri ghand il-General Workers Union ghall-ghajnuna fil-kaz.

Is-Sur Kenny Muscat rapprezentant tal-General Workers Union spjega li hu kien qed jinnegozja kumpens mal-kumpanija favur Doreen Saliba. Spjega kif hu jahdem b'dak li jsejjah "framework" igifieri parametri li fihom jista jgib l-

ahjar *deal* ghal membru tieghu. Spjega kif bdew b'figura u waqt in-negozjati din il-figura tjiebet sakemm waslu biex qablu fuq il-figura ta' tnax –il elf ewro (€12,000). Dan il-qbil sar ghal habta tal-14 ta' Dicembru, 2018. Dan johrog mill-ittra tal-Avukata Anthea Witney Turner, li tahdem fl-ufficcju legali tal-General Workers Union. Fl-ittra taghha l-Avukata Anthea Witney Turner tinforma lill-kumpanija ntimata li l-figura ta' tnax –il elf ewro (€12,000) kienet accettata mir-rikorrenti.

Min naha l-ohra r-rikorrenti Doreen Saliba spjegat li hi kienet infurmata it-Tnejn 17 ta' Dicembru mis-Sur Kenny Muscat biex tmur tigbor ic-cekk mill-kumpanija. Fix-xiehda taghha Doreen Saliba qalet li l-ahbar li ta s-Sur Kenny Muscat kienet sorpriza ghaliex sabet fatt konkluz fejn s-Sur Muscat qallha *" so much money inzel igbor ic-cekk"* li ghal dan Doreen Saliba, oggezzjonat u rrifjutat. Talbet li tiltaqa' mal-Avukata Anthea Witney Turner u meta din ta' l-ahhar ma kinitx disponibbli, ghazlet li tfittex l-ghajnuna minn ghand l-Avukat Malcolm Mifsud.

It-Tribunal jinnota li filwaqt li l-ittra ta' konferma tal-figura tal-Avukata Anthea Witney Turner ggib id-data tal-14 ta'Dicembru, Doreen Saliba tghid li hi saret taf bil-figura fis-17 ta' Dicembru, 2018. Dan ifisser li jew l-ittra tal-Avukata Anthea Witney Turner harget arbitrarjament minhajr il-kunsens ta' Doreen Saliba jew inkella Doreen Saliba kellha zball meta qalet li saret taf bil-figura fis-17 ta Dicembru, 2018. Meta s-Sur Muscat intalab jghid meta kien informa lil Doreen Saliba bil-figura, huwa ma setax jiftakar. Pero' Doreen Saliba baqat izzomm mad-data tat-Tnejn 17 ta' Dicembru u pprecizat meta qalet li marret tkellem lis-Sur Muscat fl-ufficcju tieghu l-ghada t-Tlieta.

Min naha l-ohra, fix-xiehda tieghu s-Sur Kenny Muscat qatt ma qal li Doreen Saliba qablet mal-figura ta' tnax –il elf ewro (€12,000).

It-Tribunal ihoss li l-verzjoni ta' Doreen Saliba hija kredibbli u ghaldaqstant tikkonkludi li l-ittra tal-14 ta' Dicembru harget minghajr il-kunsens ta' Doreen Saliba.

It-Tribunal jifhem li r-rapprezentant tal-Union qieghed biex jaghti pariri dwar certu aspetti marbuta mal-post tax-xoghol kif ukoll jirrapprezenta lil membru tieghu jew taghha, quddiem min ihaddem, fuq kwistjonijiet tax-xoghol. Pero' rapprezentant tal-*Union* qatt ma' jista' jiddeciedi ghal membru tieghu u anqas ma jista' jikkonkludi ftehim minghajr l-approvazzjoni esplicita tal-membru. Infatti s-Sur Kenny Muscat xehed li "*pero' t-transazzjoni ma mmaterjalizzatx ruhha ghax ovvjament ma kien hemm ebda certifika*". Din hija ovvja li mmaterjalizzatx ghaliex il-parti materjali ghal dan il-ftehim li hija r-rikorrenti Doreen Saliba ma' kinitx sa dak il-hin u anqas wara, parti mill-ftehim. Is-Sur Kenny Muscat xehed li *"Ma kien hemm l-ebda firma minn naha ta' Doreen"* huwa jkompli fix-xiehda tieghu *" Jien fl-ahhar mill-ahhar il-firma jkolli bzonn ta' Doreen".*

Minn naha l-ohra t-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju li l-professjonisti tar-Rizorsi Umani jafu tajjeb li l-ftehim kien sa jsir mar-rikorrenti Doreen Saliba u mhux mal-General Workers Union. Ghalhekk it-Tribunal jiskanta kif il-kumpanija assumit li jezisti ftehim meta ma semghatx lil Doreen Saliba tghidilhom li l-figura hija accettabbli ghaliha. Ghalhekk meta l-kumpanija kitbet ic-cekk fid-19 ta' Dicembru, l-kumpanija kellha tassigura lilha nnifisha li Doreen Saliba qed taqbel mal-figura. Dan ma sarx.

Il-Union anqas ma kellha mandat minghand Doreen Saliba biex tikkonkludi ftehim effettiv minghajr l-approvazzjoni esplicita ta' Doreen Saliba.

**Decizjoni**

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li ftehim bejn il-kumpanija Foster Clark Products Limited u Doreen Saliba ma kienx hemm.

B'hekk it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni

2 *li t-Tribunal Industrijali huwa prekluz milli jkompli jisma dan il-kaz ghaliex ghaddew l-erba xhur kontemplati fl-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*

L-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 jghid li kull referta ghandha tigi pprezentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat. It-Tribunal kellu quddiemu rizenja *constructive dismissal* datata 23 ta' Awwissu, 2018 fejn r-rikorrenti Doreen Saliba tat ukoll notice period sas-26 ta'Ottubru, 2018. Id-dikjarazzjoni tal-kaz gie pprezentat fir-Registru tat-Tribunal fit-22 ta' Jannar, 2019.

Il-kumpanija ntimata permezz tal-Avukat Matthew Brincat argumenta li dan kien kaz ta' rizenja volontarja u li ma hemm l-ebda hjiel ta' tkeccija jew ta' *constructive dismissal* kif qed tallega l-appellanti. Barra minn hekk il- perjodu li fih seta' jitressaq il-kaz quddiem it-Tribunal kien preskritt ghaliex l-erba xhur tal-preskrizzjoni jibdew jghoddu, skont il-kumpanija, mit-23 ta' Awwissu 2018 liema perjodu skada fit-22 ta' Dicembru 2018.

Ir-rikorrenti Doreen Saliba permezz tal-Avukat Malcolm Mifsud argumentat li f'dan il-kaz kien hemm cirkostanzi ohra li jimmitigaw id-data tat- 23 ta' Awwissu, 2018 u ghaldaqstant id-data effettiva tar-rizenja mhiex it-23 ta' Awwissu, 2018.

Hija haga serja hafna meta mpjegat jirrezenja ghaliex ihossu kostrett li jaghmel dan u jhoss li m'ghandux *option* ohra hlief li jirrizenja mix-xoghol.

Doreen Saliba irrezenjat ghaliex hassitha trattata ngustament meta bidlulha x-xoghol u minkejja li baqat tithallas l-istess paga, assenjawlha xoghol ta' status aktar baxx minn dak li kienet qed tgawdi sa dakinhar. Din id-decizjoni kienet imponuta mill-Management kif hemm spjegat fil-Memorandum

iffirmat minn Steve Vella Head HR datat 4 ta' Settembru u ntitolat "*Working Instructions*".

*Working instructions* minghand l-employer igorru hafna piz u hekk ghandu jkun ghaliex jekk l-*instructions* ma jkunux segwiti, jistghu jittiehdu passi dixxiplinarji. Imma dan ikun ta' dilemma ghall-impjegat meta hu jhossu ngurjat bil-*working instructions* moghtija ghaliex l-*options* quddiemu jkunu jew jisfida l-istruzzjonijiet u jbati l-konsegwenzi tad-dixxiplina jew jaccetta s-sitwazzjoni kontra qalbu biex ma jitlifx l-impjieg jew jekk l-impjegat ihoss li l-ingustizzja hija pezanti wisq biex jaccettaha u jgorrha, l-impjegat jaghzel li jwarrab lilu nnifsu mill-piz u jirrezenja.

Tidher li Doreen Saliba hassitha hafna l-weggha tat-tnaqqis fl-istatus taghha, status li kienet akkwistatu lejn l-ahhar tal-karriera taghha. It-Tribunal jifhem li l-istatus fuq il-post tax-xoghol jiddefinixxi hafna drabi lil haddiem u ghalhekk hemm rabta diretta bejn l-istatus tal-persuna fuq il-post tax-xoghol u l-well-being tal-persuna.

L-ittra ta' rizenja titkellem fuq l-fatt li qatt qabel ma kien hemm "complaints" fuq xogholha u l-fatt li l-Management ordnalha terga tibda tnaddaf, hasset li dan l-ghagir huwa ngust.

Hawn it-Tribunal irid jistaqsi l-ewwel domanda jekk Doreen kinitx qed tikkonsidra li dak li gralha huwa ksur effettiv fir-relazzjoni bejnha u bejn min ihaddimha.

Mix-xiehda taghha Doreen Saliba xtaqet li titwarrab l-ingustizzja biex hi tkompli bix-xoghol taghha. Fix xiehda taghha Doreen Saliba qalet " *Li forsi li ghad jistghu jirrangaw, li nibqa jew whatever, fhimt".*

Fil-verita' l-issue tat-tibdil fir-rwol ma kinitx wahda serja li jhassar b'mod instantanju r-relazzjoni tajba li kienet tezisti bejn Doreen Saliba u l-

Management. Ghaldaqstant ma hux difficli li wiehed jifhem li bi ftit rieda tajba, soluzzjoni setghat tinstab.

Infatti Doreen Saliba kompliet bix-xoghol taghha tul in-notice period u ma hareg xejn fix-xiehda li xogholha ma kienx ta' l-istess kwalita' bhal dejjem.

Hawn it-Tribunal irid jistaqsi t-tieni domanda, jekk kienx hemm passi biex forsi l-affarijet jitrangaw u mix-xiehda hareg li kien hemm komunika bejn Doreen Saliba u l-Management dwar din l-*issue.*

Mix-xiehda johrog ukoll li kien hemm xi persuni li huma *seniors* ghal Doreen fil-kumpanija li tawha x'tifhem li l-affarijiet sa jitrangaw. Kien hemm ukoll l-ittra ta' Steve Vella datata 4 ta' Settembru fejn ukoll qed jghid li kien lest li jikkjarifika jekk ikun hemm il-bzonn.

Dan kollu seta' jsir ghaliex minkejja li r-rizenja hija deskritta bhala *constructive dismissal,* Doreen Saliba tat notice period ta' tmien (8) gimghat li fih baqat tahdem mal-kumpanija u min-naha l-ohra baqat fdata mill-kumpanija. In-notice period ta' tmien (8) gimghat, kien spazju fejn Doreen Saliba ittamat li l-affarijiet jitrangaw ghaliex fil-verita' hija xtaqet tkompli tahdem mal-kumpanija. Dan jindika li l-bieb kien ghadu miftuh biex jinstab ftehim dwar il-kwistjoni.

Ghat-Tribunal dan kollu ma' jindikax li kien hemm ksur effettiv fit-23 ta' Awwissu, 2018.

Pero' meta beda jghaddi z-zmien, Doreen Saliba xehdet li qisu hadd mill-Management ma kien qed jaghti kaz u li kollox kien sa jibqa kif inhu. F'dan il-mument Doreen Saliba rrikorriet ghand il-Union ghaliex issa rrealizzat li t-tama li jitrangaw l-affarijet u li hi terga lura ghax-xoghol sfuma. Issa r-relazzjoni bejn l-impjegat u min ihaddem inkisret. Biex nuza l-istess kliem uzat fit-trattazzjoni *" intom ittrattajtuni hazin tant illi jiena issa tlaqt".* Hawn sehh il-ksur effettiv ghaliex spicca kollox.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li d-data effettiva tal-ksur tar-relazzjoni ma kinitx it-23 ta' Awwissu 2018 imma s-26 ta'Ottubru 2018 meta r-rikorrenti waqfet mix-xoghol realment u definittivament.

**Decizjoni**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad t-tieni eccezzjoni u jkompli jisma' l-kaz.

**(iffirmata)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju